MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 850/2003

**Charles Grech**

**Vs**

**Ramon Sant Hill**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' April 2003 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm363.80 (tlett mija u tlieta u sittin Lira Maltin u tmenin centezmu) rapprezentanti ta' danni sofferti f'incident tat-traffiku.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Illi l-konvenut huwa debitur tal-attur fis-somma ta' tlett mija tlieta u sittin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm363.80) jew somma ohra verjura illi ghandha tigi likwidata minn dan it-Tribunal jekk hemm bzon bl-ghajnuna ta' periti nominandi, rapprezentanti danni sofferti mill-attur, bhala rizultat ta' incident tat-traffiku illi sehh fis-6 ta' Settembru 2002

f'Paceville bejn il-vetturi KBB 281 misjuqa mill-konvenut u dik bin-numru LIR 100 propjeta` tal-attur, ghal liema incident il-konvenut huwa unikament responsabbli u dana stante illi l-istess incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-istess konvenut.

Bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tas-27 ta' Settembru 2002 kif ukoll tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-prezenti kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut kontra l-konvenut li minn issa jibqa` ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez, stante li l-incident tat-traffiku in kwistjoni ma garax tort tal-eccipjenti izda gara tort tal-attur u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonjiet ohra.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi t-Tribunal huwa rinfaccjat b'zewg versjonijiet totalment opposti ta' dak li suppost issuccieda dak in-nhar tal-incident. Fil-waqt li l-attur li huwa kien wieqaf fil-mument tal-kollizzjoni, il-konvenut jallega da parti tieghu li l-attur kien f'manuvra ta' riversjan u dahal go fih.
Effettivament seta gara hekk, pero` it-Tribunal huwa konfortat minn xhieda ta' terza persuna estranea sia ghal partijiet sia ghall-istess kollizzjoni.

Din il-persuna ta' nazzjonalita barranija xehdet fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2003 fejn ikkonfermat il-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-attur. L-attur kien wieqaf u kien il-konvenut li baqa diehel go bih. Ghandhu tinghad ukoll li fl-era tal-kollizzjoni kien jezizti taqlib enormi fit-toroq f'dawk l-akwati, huwa kontestat id-direzzjoni li ried imur fiha l-istess konvenut. Anke d-dikjarazzjoni dwar l-incident tat-trafiku il-'front-to-rear' ma hi xejn indikattiva.

Dwar id-danni reklamati mill-attur, huwa esibixxa s-survey maghmul mis-surveyor inkarigat ghal dan l-iskop mis-socjeta` assikuratrici tal-vettura tal-konvenut. Id-danni ma gewx kontestati.

Jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa` t-talbiet attrici, jikkundanna lil konvenut ihallas lil attrici is-somma ta' tlett mija tlieta u sittin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm363.80) bl-ispejjes u interessi kif mitluba kontra il-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------